**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 15 ta' Ottubru, 2015**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 630/2015**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-30 ta' Gunju 2015 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti, tlieta minnhom in atti n-Nutar Dottor Roland John Wadge, wiehed minnhom datat 8 ta' Novembru 2000 (Dok. "A"), iehor datat 6 ta' Awwissu 2001 (Dok. "B") u iehor datat 26 ta' Gunju 2002 (Dok. "C") u l-iehor in atti Nutar Dottor Carmel Gafa' datat 15 ta' Lulju 2008 u permezz ta' skrittura privata datata 31 ta' Lulju 2008 (Dok. "D") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia Gafa'

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia fis-somma ta' mija u disat elef, mitejn u sitta u sittin ewro u wiehed u tletin centezmu (€109,266.31) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "El sa E6, Dok. "Fl sa F6", Dok. "G1 sa G5", Dok. "H", Dok. "I" u Dok "J1 sa J6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

3. IIIi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia;

(a) nagsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura,
(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Awwissu 2012 li kopja taghha ged tigi hawn esebita u mmarkata Dok "K", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

2. Tikkundanna lil Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia jhallsu flimkien u in solidum lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u disat elef, mitejn u sitta u sittin ewro u wiehed u tletin centezmu (€109,266.31) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E6, Dok. "F1 sa F6", Dok. "G1 sa G5", Dok. "H", Dok. "I" u Dok "J1 sa J6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Awwissu 2012 (Dok. "K").

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tat-13 ta’ Ottubru 2015 fejn il-konvenuti ammettaw it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu flimkien u in solidum lil bank attur is-somma ta' mija u disat elef,

mitejn u sitta u sittin ewro u wiehed u tletin centezmu (€109,266.31) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tal-istess konvenuti Joseph u Geralda mizzewgin Farrugia skond it-talba u d-dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur